MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Appell Civili Numru. 2369/2002/1

**Louis u Maria Assunta Sammut**

**vs**

**Carmelo sive Charles Zammit**

**Il-Qorti,**

Din id-decizjoni hi l-konsegwenza tal-konstatazzjoni li saret minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-20 ta' Ottubru 2004 fis-sens illi t-Tribunal ma kellux jinjora jew jiskarta dak li gie stabbilit fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-11 ta' Lulju 2001 (Citaz. Nru. 513/95/DS) bejn l-istess partijiet. Dan s' intendi riferibilment ghall-accertament tal-kwantum tad-danni pretiz mill-atturi;

Hi regola li kull wiehed jirrispondi ghal dawk il-hsarat li jigru bi htija tieghu. Stabbilita` ghalhekk din il-htija, il-konvenut appellant ma jistax allura jqis ruhu liberu mill-obbligazzjoni rizarcitorja. Naturalment wiehed ma jistax jipprexxindi mill-gudikat fejn giet determinata din il-kolpa.

Tajjeb li jigi precizat ukoll illi in linea ta' principju l-fatt biss tad-dikjarazzjoni tar-responsabilita` ghad-danni ma jfisserx necessarjament li d-danni tassew jezistu, u jekk dawn jezistu, fil-kwantum pretiz mid-danneggjat. Ara "**Mckay -vs- Borg**", Appell Civili, 28 ta' Jannar 1966. Anzi l-ligi trid li min ikun responsabbli ghad-dannu ghandu jhallas kull dannu li ragonevolment jitqies bhala konsegwenza diretta tal-fatt illecitu. Ara "**Carmelo Bugeja -vs- Lorenzo Cassar**", Appell Civili, 1 ta' April 1966;

Huwa ghalhekk mistenni li l-gudikatur li jrid jarbitra dwar il-materja ghandu jadopera dak l-apprezzament ekwu fid-determinazzjoni tal-kwantum tad-danni. L-istabilizzar ta' tali apprezzament ekwu jrid per forza jikkollega ruhu ghal mudell tal-*bonus paterfamilias* mehud qies tac-cirkostanzi kollha maghrufa. Dan hu maggorment hekk fil-kaz tal-gudikatur sedenti fit-Tribunal adit stante li d-decizjoni tieghu trid, skond l-istess dettam tal-ligi (Artikolu 7 tal-Kapitolu 380), issir principalment skond l-ekwita`;

F' din il-valutazzjoni ekwitattiva, il-gudikatur ma jistax certament jinjora l-fatti incidenti fuq id-danni li huma maghrufa, kif jemergu mir-rizultanzi istruttorji tas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta' Lulju 2001 mqeghda ghab-bazi tat-talba attrici;

Fis-sentenza f' dik il-kawza, inizzjata fil-21 ta' Jannar 1995, l-atturi odjerni kienu *inter alia* talbu il-kundanna tal-konvenut biex jelimina kull inkonvenjent u dannu kawzat fil-proprjeta` taghhom u, fin-nuqqas, li jigu awtorizzati jaghmlu x-xoghol rimedjali huma stess a spejjez tal-konvenut. Huma rrizervaw ukoll kull azzjoni ghad-danni

lilhom spettanti. Mill-atti tas-sentenza dik il-Qorti laqghatilhom din it-talba pero` ma ghamlet l-ebda rizerva;

Issa skond ir-rapport peritali ta' AIC Rene` Buttigieg (esebit f' din l-istanza a fol. 31), li dik il-Qorti kienet addottat, oltre li elenka l-hsarat riskontrati fil-fond ta' l-atturi, huwa ghadda wkoll biex jistma l-valur tax-xoghol rimedjali okkorrenti:-

(I) Kwantu ghall-hsara fil-madum fil-pjan terren il-valur precizat minnu kien ta' mija u erbatax-il lira Maltija (Lm114) li jinkludi oltre l-valur tal-madum, l-ispiza biex jinqala l-bank tal-kcina, u l-lavaman fil-kamra tal-banju u biex dawn jergghu jitqeghdu f' posthom. Zied pero` jaggungi illi jekk ma jinstabx madum ta' l-art tal-muzajk li jaqbel ma' dak li mhux ser jinqala allura jkollu jinqala l-madum ta' l-art kollu fil-kamra esterna, fil-kamra tal-banju u fil-kcina bi spiza ta' mitejn u seba' liri Maltin (Lm207);

(II) Riferibilment ghall-hsara fil-hitan minhabba l-perkolazzjoni ta' l-ilma, il-valur destinat mill-perit tekniku, ghal brix fil-parti ta' isfel tal-hajt tal-bitha u tibjid, kif ukoll tal-parti t' isfel tal-hajt tal-kcina, u tal-hajt ta' l-armadju fil-kamra tal-banju, fil-pjanterran, oltre zebgha bil-*water paint* tal-hajt ta' l-appogg tal-kamra esterna u tal-parti tal-hajt 'il fuq minn fejn hemm il-madum tac-ceramika fil-kamra tal-banju, kien dak ta' sittin lira (Lm60);

Issa ghal darba, darbtejn fl-atti tal-kawza prezenti l-atturi esebew dokumenti konsistenti essenzjalment minn stejjem tax-xoghlijiet fuq indikati risalenti ghas-sena 1998, oltre fattura ghal tapit datata 6 ta' Novembru 1995 u *vat receipt* datata 17 ta' Novembru 2000 ta' Lm35 ghal manutenzjoni tal-*kitchen cupboard.* Jigi notat li gew prezentati zewg stimi konnessi mal-qlugh u tqeghid ta' madum. L-atturi jsostnu permezz tax-xhieda ta' Maria Assunta Sammut illi huma hallsu l-ammonti indikati f' dawn id-dokumenti pero` fir-rigward ma esebew ebda ricevuti oltra l-*vat receipt* imsemmi;

Huwa principju illi d-danneggjat ghandu d-dmir li jaghmel dak kollu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara anke jekk mhux obbligat jitghabba b’ pizijiet biex inaqqas il-hsara (**Kollez. Vol. XL P II p 653; Vol. XXXVIII P I p 249**). Hija wkoll gurisprudenza pacifika illi d-deklaratorja generali tad-danni m’ hijiex prova ta’ l-ezistenza tad-danni imma tfisser biss li l-konvenut hu responsabbli ghad-danni jekk kien hemm (**Kollez. Vol. XXXVI P I p 350; Vol. XLIX P II p 698**);

Fil-kaz in ezami danni kien hemm pero` imbaghad tezisti kontestazzjoni dwar il-kwantum taghhom. Rinfaccjata bl-istejjem tal-perit relatur fil-kawza l-ohra, u fl-assenza wkoll ta’ ricevuti approprijati manifestanti l-hlas, din il-Qorti ma thossx li tista’ takkolji bl-addocc it-talba ta’ l-atturi fit-totalita` tas-somma reklamata. Dan ikun ferm inekwu il-konfront tal-konvenut appellant. Sostanzjalment thoss li fic-cirkostanza ghandha taddivjieni ghal-likwidazzjoni tad-danni in via ekwitattiva. Dan biex taghmel tajjeb ghan-nuqqas tal-prova accertata da parte ta’ l-atturi formanti dawk l-elementi kongruwi u idonei fir-rigward. L-adoperu ta’ din il-valutazzjoni ekwitattiva hi mehtiega ghax proprju tezisti diffikolta` notevoli biex jigi dimostrat l-ammont preciz tad-danni allegatament subiti. Dan ghar-raguni gja senjalati;

Fic-cirkostanzi din il-Qorti tinklina biex taddotta l-istejjem tal-perit tekniku fl-ammont komplessiv ta’ mitejn sebgha u sittin lira Maltija (Lm267) ghax-xoghlijiet rimedjali suggeriti pju l-likwidazzjoni ta’ l-ispiza tat-tapit (Lm96) u l-*kitchen cupboard maintenance* (Lm35); b’ kollox ghalhekk tliet mija u tmienja u disghin lira Maltija (Lm398).

Ghal dawn il-motivi taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi takkoji d-domanda ta’ l-atturi limitatament ghas-somma ta’ tliet mija u tmienja u disghin lira Maltija (Lm398) in linea ta’ danni, bl-interessi mid-data ta’ l-ittra ufficcjali (Ottubru 2001). Fic-cirkostanzi l-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew

kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-atturi u terz (1/3) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------